MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 1111/2011

**Benjamin Cremona**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fil-11 ta' Novembru 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi huwa twieled f'Catania fl-20 ta' Novembru 1980 u ngħata l-isem ta' Benjamin u kunjom Gatt, bħala iben ommu Joanna Gatt u missier mhux magħruf;

Illi ċ-ċertifikat tat-twelid kif ukoll l-estratt tar-reġistru tat-twelid maħruġin mill-Comune di Catania (kopja hawn annessa u mmarkat Dok A1 sa A3) juru fil-fatt li huwa ġie reġistrat f'Catania b'ismu u kunjomu bħala Benjamin Gatt;

Dan l-istat ta’ fatt ġie reġistrat ukoll dak iż-żmien fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta, kif juri fil-fatt l-att ta’ twelid hawn anness u mmarkat Dok B;

Illi sussegwentement, huwa rċieva s-sagrament tat-tqarbin u dan dejjem taħt l-istess isem u kunjom Benjamin Gatt;

Illi nzerta li omm ir-rikorrent Joanna Gatt, iżżewġet imbagħad lil David Cremona li pproċeda biex adotta lir-rikorrent bħala ibnu għall-finijiet tal-liġi, u għaldaqstant, ir-rikorren ħa *ope legis* kunjom missieru adottiv, u ċjoe’ sar Cremona (ara Ċertifikat ta’ adozzjoni hawn anness u markat Dok Ċ kif ukoll estratt mill-att tat-twelid Dok D);

Illi mandankollu, ir-rikorrent fil-ħajja soċjali tiegħu baqa’ magħruf bħala Gatt minkejja li fuq id-dokumenti uffiċjali huwa kien sar Cremona u dank if ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi anki llum il-ġurnata huwa jissejjaħ konsistentement minn terzi bħala Benjamin Gatt filwaqt li r-rikorrent stess għadu, għal diversi raġunijiet li ser jinġiebu għal konjizzjoni ta’ din il-Qorti waqt is-smiegħ tal-provi, jgħid li kunjomu Gatt;

Illi *in oltre* fis-sena 2004, ommu Joanna u l-missier adottiv tiegħu David Cremona sseparaw legalment permezz ta’ kuntratt tas-16 ta’ Diċembru 2004 fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Cassar (kopja annessa u mmarkata Dok E);

Illi l-esponent għandu interess illi l-att tat-twelid tiegħu u kif ukoll l-atti kollha l-oħra tal-istat ċivili relattivi għalih jiġu korrentti jew li ssir annotazzjoni sabiex kunjom twelidu, Gatt, li huwa magħruf bih ikun jirriżulta fl-atti msemmija u dan skont l-Artikolu 253 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta);

Għaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni illi tidhrilha xierqa u opportuna, sabiex:

1. Tiddikjara li l-kunjom li bih ir-rikorrent ġie konsistentement imsejjaħ u li huwa juża għalih stess huwa "Gatt" u mhux "Cremona" hekk kif illum jinsab indikat fl-att tat-twelid tiegħu;

2. Tordna illi ssir il-korrezzjoni jew l-anotazzjoni tal-att tat-twelid relattiv;

3. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili ieħor relattiv għall-istess rikorrent;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat illi hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fit-3 ta' Jannar 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi dejjem bla ħsara għal fuq espost, it-tieni talba tar-rikorrenti għal korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-att relattiv ai termini tal-artikolu 253(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta hija insostenibbli u dan għal raġuni li ma jirriżultax mid-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrenti Benjamin Cremona u mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-dati ta' reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid relattiv kien sar xi żball jew saret xi ommissjoni;

3. Illi bla ħsara għal premess, lanqas it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti ma jistgħu jintlaqgħu sakemm huwa ma jispeċifikax in-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li huwa qiegħed jagħmel riferenza għalihom *ai termini* tal-artikolu Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża odjerna, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tad-29 ta' Frar 2012 il-kawża ġiet differita għas-sentenza wara li d-difensur tal-attur iddikjara li kien qed jillimita t-talba tiegħu għall-annotazzjoni fl-att tat-twelid;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat civili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artiklu 254 saret debitament.

Illi kif ġja' ngħad l-attur in vista l-eċċezzjonijiet imsemmija rrestrinġa ruħu illi jitlob annotazzjoni u f'dan ir-rigward il-Qorti ma ssibx diffikolta' tilqa' din it-talba. Huwa għalhekk ċar li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel żewġ talbiet attriċi iżda biss billi fl-att tat-twelid tal-attur (298/1981) issir l-**

**annotazzjoni li huwa jissejjaħ bil-kunjom "Cremona"[1], u tiċħad it-tielet talba billi ma ġewx indikati l-atti in kwistjoni.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[1] U b'digriet tal-20 ta' Ġunju 2012 il-kunjom 'Cremona' fid-decide ġie sostitwit biex jaqra 'Gatt'.